REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 710/2009

tal-5 ta' Awwissu 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 889/2008 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007, f'dak li għandu x'jaqsam mal-iffissar ta' regoli ddettaljati dwar il-produzzjoni organika tal-annimali tal-akkwakultura u tal-alka tal-baħar

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda [jħassar] ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikoli 11, 13(3), 15(2), 16(1) u (3)(a) u (c), 17(2) u 18(5), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(3), l-Artikoli 22(1), 28(6), u 38(a), (b), (c), u l-Artikolu 40 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 834/2007, u b'mod partikulari t-Titolu III tiegħu jistabbilixxi rekwiżiti bażiċi f'dak li għandu x'jaqsam mal-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura u tal-alka. Ir-regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu stabbiliti billi jiġi emendat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 ([2]), li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

(2) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar strateġija għall-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura Ewropea ([3]) tippreżenta viżjoni għall-iżvilupp ta' dan is-settur fuq perjodu ta' għaxar snin sabiex ikun hemm industrija stabbli fiż-żoni rurali u f'dawk kostali li tipprovdi alternattivi lill-industrija tas-sajd f'termini tal-prodotti u tal-impjiegi. Il-Komunikazzjoni saħqet fuq il-potenzjal tal-produzzjoni tal-akkwakultura organika u fuq ir-rekwiżit li jkunu żviluppati normi u kriterji.

(3) Sabiex ikun żgurat ftehim komuni, għandhom ikunu ssuplimentati u kkoreġuti t-tifsiriet kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 sabiex ikunu evitati l-ambigwitajiet u tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tar-regoli dwar il-produzzjoni organika tal-annimali tal-akkwakultura u tal-alka.

(4) Iż-żona għat-tkabbir akkwatiku tal-alka u tal-annimali tal-akkwakultura organiċi hija importanti ferm sabiex jitkabbru prodotti kemm sikuri kif ukoll ta' kwalità għolja b'impatt minimu fuq l-ambjent akkwatiku. Il-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-kwalità tal-ilmijiet u tal-kontaminanti fl-ikel, inklużi d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma ([4]), id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (id-Direttiva Kwadru [ta' qafas] dwar l-Istrateġija Marina) ([5]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel ([6]), u r-Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 852/2004 ([7]), (KE) Nru 853/2004 ([8]), u (KE) Nru 854/2004 ([9]), tipprovdi għal għanijiet ambjentali għall-ilma u tiżgura ikel ta' kwalità għolja. Għaldaqstant huwa xieraq li jitfassal pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-produzzjoni tal-alka u tal-akkwakultura li jispeċifika l-miżuri, bħat-tnaqqis tal-iskart.

(5) Id-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent ([10]), id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi ([11]), u d-Direttiva tal-Kunsill 79/403/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi ([12]) għandhom jiżguraw interazzjoni tajba mal-ambjent filwaqt li jqisu l-impatt ta' dawn l-attivitajiet fuq l-għanijiet ambjentali għall-ilma mniżżlin fl-applikazzjoni tad-Direttivi 2000/60/KE u 2008/56/KE. Għandhom isiru dispożizzjonijiet sabiex titfassal valutazzjoni ambjentali li tkopri l-aqwa adattament għall-ambjent tal-madwar u t-taffija ta' effetti negattivi possibbli. Għandu jitqies li t-tali valutazzjonijiet għandhom jiżguraw li l-produzzjoni organika tal-alka u tal-annimali tal-akkwakultura, li hija attività pjuttost ġdida meta mqabbla mal-agrikultura organika, għandha mhux biss tkun aċċettabbli għall-ambjent, iżda li, meta mqabbla ma' għażliet oħrajn, din għandha tkun taqbel l-iktar mal-interessi pubbliċi wesgħin u għandha tkun kemm adattata għall-ambjent kif ukoll sostenibbli.

([1]) ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1.
([3]) COM(2002) 511, 19.9.2002.
([4]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.
([5]) ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.
([6]) ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5.
([7]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.
([8]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.
([9]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.
([10]) ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40.
([11]) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.
([12]) ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1.

(6) Il-mezz solubbli speċifiku tal-ilma jeħtieġ li unitajiet organiċi tal-produzzjoni tal-akkwakultura jkunu separati b'mod xieraq minn dawk li mhumiex organiċi; u għalhekk għandhom jiġu stabbiliti miżuri xierqa għal din is-separazzjoni. Minħabba l-varjabbiltà tas-sitwazzjonijiet rigward kemm l-ambjent tal-ilma ħelu kif ukoll dak tal-baħar mal-Komunità kollha, huwa preferibbli li jkunu stabbiliti distanzi adegwati ta' separazzjoni fuq il-livell tal-Istati Membri, peress li l-Istati Membru huma l-aktar li jistgħu jittrattaw is-separazzjoni minħabba n-natura eteroġena ta' ambjenti akkwatiċi bħal dawn.

(7) It-tkabbir tal-alka jista' jkun ta' benefiċċju f'ċerti aspetti bħat-tneħħija tan-nutrijenti u jista' jħaffef il-polikultura (it-tkabbir ta' iktar minn speċi waħda fl-istess żona ("polyculture")). Trid tingħata attenzjoni biex ma tinqatax iżżejjed l-alka selvaġġa sabiex din titħalla terġa' ttella', u jkun żgurat li l-produzzjoni ma toħloqx impatt sinifikanti fuq l-istat tal-ambjent akkwatiku.

(8) L-Istati Membri qed iħabbtu wiċċhom ma' nuqqasijiet dejjem jiżdiedu fil-forniment ta' għelejjel organiċi tal-proteini. Fl-istess ħin, l-importazzjoni tal-għalf organiku tal-proteini ma kinitx biżżejjed biex tissodisfa l-ħtiġijiet. Iż-żona kollha għat-tkabbir tal-għelejjel organiċi tal-proteini mhix kbira biżżejjed biex tissodisfa l-ħtieġa għall-proteini organiċi; għalhekk, għandu jitħalla jintuża għalf tal-proteini li ġej minn biċċiet agrikoli li jkunu fl-ewwel sena tal-bidla tagħhom, skont ċerti kundizzjonijiet.

(9) Minħabba l-istadju bikri tal-produzzjoni organika tal-annimali tal-akkwakultura, l-istokk organiku għar-riproduzzjoni ("broodstock") mhuwiex disponibbli fi kwantitajiet li huma biżżejjed. Għandha ssir dispożizzjoni sabiex jiddaħħlu, taħt ċerti kundizzjonijiet, stokk għar-riproduzzjoni u ħut żgħir li mhumiex organiċi.

(10) Il-produzzjoni organika tal-annimali tal-akkwakultura għandha tiżgura li jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-annimali, li jkunu speċifiċi għall-ispeċi. F'dan ir-rigward, il-prattiki tat-trobbija, u s-sistemi tal-ġestjoni u taż-żamma għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-benesseri tal-annimali. Għandhom isiru dispożizzjonijiet dwar il-bini xieraq tal-gaġeġ u tan-nases fil-baħar kif ukoll dwar is-sistemi ta' trobbija fuq l-art. Sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-annimali qerrieda u l-parassiti u sabiex il-benesseri u s-saħħa tal-annimali jkunu tajbin ferm, għandhom ikunu stabbiliti d-densitajiet massimi tal-istokk. Għandhom ikunu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi, filwaqt li titqies il-firxa wiesgħa tal-ispeċijiet bi ħtiġijiet partikulari.

(11) L-iżvilupp tekniku ta' dan l-aħħar wassal għal użu dejjem ikbar ta' sistemi magħluqin taċ-ċirkulazzjoni mill-ġdid fil-produzzjoni tal-akkwakultura; it-tali sistemi jiddependu fuq kontribut estern u fuq ħafna enerġija imma jippermettu li titnaqqas it-tnixxija tal-iskart u li jkun evitat il-ħrib. Minħabba l-prinċipju li l-produzzjoni organika għandha tkun kemm jista' jkun qrib tan-natura, l-użu ta' tali sistemi ma għandux ikun permess fil-produzzjoni organika sakemm ma jkunx disponibbli aktar tagħrif. Għandu jkun possibbli l-użu eċċezzjonali tagħhom biss għall-qagħda speċifika tal-produzzjoni tal-mafqsiet u tal-mixtliet.

(12) Il-prinċipji ġenerali tal-produzzjoni organika, li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, għandhom jissejsu fuq disinn u ġestjoni xierqa tal-proċessi bijoloġiċi, imsejsin fuq sistemi ekoloġiċi li jużaw riżorsi naturali li jkunu jinsabu fis-sistema nnifisha, permezz ta' metodi li fihom ikun hemm, b'mod partikulari, l-akkwakultura li tkun konformi mal-prinċipju tal-isfruttament sostenibbli tas-sajd. Huma jinkludu wkoll dispożizzjoni dwar il-prinċipju li, fil-produzzjoni tal-akkwakultura, għandha tinżamm il-bijodiversità tal-ekosistemi akkwatiċi naturali. Mill-bqija, dawn il-prinċipji jissejsu fuq valutazzjoni tar-riskju, u fuq l-użu ta' miżuri preventivi u ta' prekawzjoni, fejn dan ikun xieraq. Għal dan il-għan, għandu jkun iċċarat li, li wieħed jagħti bidu għall proċess tar-riproduzzjoni b'mod artifiċjali permezz tal-ormoni u tad-derivati tal-ormoni mhuwiex kompatibbli mal-kunċett tal-produzzjoni organika u ta' dak li jaħsbu l-konsumaturi dwar il-prodotti organiċi tal-akkwakultura u li, għalhekk, it-tali sustanzi ma għandhomx jintużaw fl-akkwakultura organika.

(13) L-għalf tal-annimali tal-akkwakultura għandu jissodisfa l-ħtiġijiet nutrizzjonali u għandu jissodisfa wkoll ir-rekwiżit tas-saħħa li għalf li ġej minn speċi partikulari ma jintużax bħala għalf għall-istess speċi kif stabbilit fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered ([1]). Għaldaqstant huwa xieraq li wieħed jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-annimali tal-akkwakultura li huma karnivori u għal dawk li mhumiex.

(14) Il-materja prima għall-għalf tal-ħut u l-krustaċej organiċi li huma karnivori għandu jkun ġej, preferibbilment, mill-isfruttament sostenibbli tas-sajd kif imsemmi fl-Artikolu 5(o) tar-Regolament 834/2007 u kif iddefinit fl-Artikolu 3(e) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar [l-isfruttament] sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd [Politika Komuni tas-Sajd] ([2]) jew minn għalf organiku li ġej minn sorsi tal-akkwakultura organiċi. Minħabba l-istadju bikri tal-akkwakultura organika u tas-sajd sostenibbli, jista' jkun hemm nuqqas ta' għalf organiku jew ta' għalf li ġej mis-sajd sostenibbli, għalhekk għandu jkun hemm dispożizzjonijiet għall-użu tal-għalf mhux organiku, imsejsin fuq ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1774/2002 ([3]), li jistabbilixxi regoli tas-saħħa għall-materjali li ġejjin mill-ħut li jistgħu jintużaw fl-akkwakultura u li jipprojbixxi l-għalf ta' ċerti materjali li ġejjin mill-ħut fl-istabbiliment lill-ħut fl-istabbiliment li jkun tal-istess speċi.

([1]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.
([2]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
([3]) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

(15) Għall-għanijiet tal-produzzjoni organika tal-annimali tal-akkwakultura u tal-alka, jistgħu jintużaw ċerti materjali għall-għalf, addittivi tal-għalf u għajnuniet għall-ipproċessar li mhumiex organiċi, skont kundizzjonijiet iddefiniti tajjeb. Il-materjali l-ġodda kkonċernati għandhom jingħataw awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Abbażi tar-rakkomandazzjoni ta' grupp espert ([1]) imwaqqaf apposta dwar "L-għalf tal-ħut u l-materjali għat-tindif fl-akkwakultura organika" li kkonkluda li t-tali sustanzi li diġà huma mniżżlin fl-Annessi V u VI tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 u li huma awtorizzati għall-produzzjoni organika tal-bhejjem għandhom jitħallew jintużaw ukoll fl-akkwakultura organika u li ċerti sustanzi huma essenzjali għal ċerti speċi partikulari ta' ħut, it-tali sustanzi għandhom jiżdiedu mal-Anness VI ta' dak ir-Regolament.

(16) It-tkabbir ta' molluski bivalvi li jieklu billi jiffiltraw l-ilma jista' jkun ta' benefiċċju għall-kwalità tal-ilma ta' madwarhom permezz tat-tneħħija tan-nutrijenti, u l-użu tagħhom jista' jħaffef ukoll il-polikultura. Għandhom ikunu stabbiliti regoli speċifiċi għall-molluski billi jitqies li dawn ma għandhomx bżonn jingħataw għalf supplimentari u li, b'hekk, f'dan ir-rigward, l-impatt ambjentali jista' jkun iktar baxx milli f'oqsma oħra tal-akkwakultura.

(17) Il-ġestjoni ta' saħħet l-annimali għandha tkun ibbażata l-aktar fuq il-prevenzjoni tal-mard. Il-miżuri li dwarhom hemm dispożizzjoni f'dan ir-Regolament ma għandhomx jagħmlu ħsara lid-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet [ir-rekwiżiti] tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi ([2]), fil-każ tat-trattament veterinarju. Għandhom jitħallew jintużaw ċerti sustanzi għat-tindif tat-tagħmir u tal-faċilitajiet tal-produzzjoni, għat-trattamenti għal kontra t-tkabbir ta' ħaxix tal-baħar magħhom u għad-diżinfezzjoni tagħhom, skont kundizzjonijiet iddefiniti. Meta jkun hemm annimali ħajjin preżenti, l-użu ta' sustanzi għad-diżinfezzjoni jeħtieġ jingħata attenzjoni partikulari u jeħtieġ miżuri sabiex ikun żgurat li l-applikazzjoni tagħhom ma tkunx ta' ħsara. It-tali sustanzi għandhom jingħataw awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Abbażi tar-rakkomandazzjoni ta' grupp espert imwaqqaf apposta, it-tali sustanzi għandhom jitniżżlu fl-Anness.

(18) Għandhom ikunu stabbiliti regoli speċifiċi għat-trattament veterinarju, li jikklassifikaw it-tipi ta' trattamenti differenti u jistabbilixxu limiti għall-frekwenza tal-użu fil-każ tat-trattamenti allopatiċi.

(19) Meta jkun qed jitqandel u jinġarr il-ħut ħaj, għandha tittieħed prekawzjoni sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tiegħu.

(20) Il-bidla għall-metodu organiku ta' produzzjoni teħtieġ li l-mezzi kollha jkunu adattati għall-metodu organiku għal żmien speċifiku. Għandhom ikunu stabbiliti perjodi speċifiċi għall-bidla skont is-sistemi tal-produzzjoni ta' qabel.

(22) Jidher li ċerti Annessi għar-Regolament (KE) Nru 889/2007 fihom xi żbalji. Għalhekk, għandhom isiru dispożizzjonijiet sabiex jitranġaw dawn l-iżbalji.

(22) Għandhom ikunu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar rekwiżiti speċifiċi tal-kontroll li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi tal-akkwakultura.

(23) Għandhom ikunu stabbiliti ċerti miżuri tranżizzjonali sabiex tkun iffaċilitata l-bidla ta' stabbilimenti li diġà qed jipproduċu b'mod organiku skont l-istandards nazzjonali jew privati għar-regoli l-ġodda Komunitarji.

(24) L-akkwakultura organika hija qasam tal-produzzjoni organika pjuttost ġdid meta mqabbel mal-agrikultura organika, fejn teżisti esperjenza twila fuq il-livell tal-irziezet. Minħabba l-interess dejjem jikber tal-konsumaturi fil-prodotti organiċi tal-akkwakultura, x'aktarx li se jkun hemm aktar żvilupp fil-bidla tal-unitajiet tal-akkwakultura għall-produzzjoni organika. Dan dalwaqt se jwassal għal iktar esperjenza u iktar għarfien tekniku. Barra minn hekk, ir-riċerka ppjanata mistennija ssarraf f'għarfien ġdid b'mod partikulari dwar is-sistemi taż-żamma, il-ħtieġa għal ingredjenti mhux organiċi tal-għalf u d-densitajiet ta' ħażna għal ċerti speċijiet. L-għarfien u l-iżvilupp tekniku l-ġodda, li għandhom iwasslu għal titjib fl-akkwakultura organika, għandhom ikunu riflessi fir-regoli tal-produzzjoni. Għalhekk, għandhom isiru dispożizzjonijiet sabiex ikun hemm analiżi tal-leġislazzjoni attwali bil-ħsieb li tkun immodifikata fejn xieraq.

(25) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 889/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(26) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat regolatorju għall-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 889/2008 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal:

(a) speċijiet tal-bhejjem ta' xort'oħra minn dawk imsemmija fl-Artikolu 7; kif ukoll

(b) annimali tal-akkwakultura ta' xort'oħra minn dawk imsemmija fl-Artikolu 25a.

([1]) Rakkomandazzjonijiet mill-grupp espert imwaqqaf apposta dwar "L-għalf tal-ħut u l-materjali għat-tindif fil-produzzjoni tal-akkwakultura u tal-alka organika", 20.11.2008, www.organic-farming.europa.eu.

([2]) ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.

Madanakollu, it-Titolu II, it-Titolu III u t-Titolu IV għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għat-tali prodotti sakemm ikunu stabbiliti regoli tal-produzzjoni ddettaljati għal dawk il-prodotti fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 834/2007."

(2) L-Artikolu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-punt (f) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(f) 'unità tal-produzzjoni' tfisser l-assi kollha li għandhom jintużaw għal settur tal-produzzjoni bħall-post tal-produzzjoni, il-biċċiet agrikoli, il-mergħat, l-ispazji fil-beraħ, l-istrutturi tal-bhejjem, il-vaski tal-ħut, is-sistemi taż-żamma tal-alka jew tal-annimali tal-akkwakultura, il-konċessjonijiet ta' max-xatt jew ta' qiegħ il-baħar, il-post għall-ħażna tal-għelejjel, il-prodotti tal-għelejjel, il-prodotti tal-alka, il-prodotti tal-annimali, il-materja prima u kwalunkwe prodott użat ('input') ieħor rilevanti għal dan is-settur speċifiku tal-produzzjoni;"

(b) wara l-punt (i) għandhom jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(j) 'faċilità magħluqa taċ-ċirkulazzjoni mill-ġdid tal-akkwakultura' tfisser faċilità li fiha l-akkwakultura sseħħ f'ambjent magħluq fuq l-art jew fuq bastiment u li tinvolvi ċ-ċirkulazzjoni mill-ġdid tal-ilma, u li tiddependi fuq kontribut permanenti estern tal-enerġija sabiex ikun stabbilizzat l-ambjent tal-annimali tal-akkwakultura;

(k) 'l-enerġija minn sorsi rinnovabbli' tfisser sorsi ta' enerġija rinnovabbli li mhumiex fossili: ir-riħ, ix-xemx, l-enerġija ġeotermali, il-mewġ, il-marea, l-idroenerġija, il-gass mill-miżbliet, il-gass mill-impjanti li jittrattaw id-drenaġġ u l-bijogassijiet;

(l) 'il-mafqsiet' tfisser il-postijiet għat-tgħammir, it-tifqis u t-trobbija matul l-ewwel stadji tal-ħajja tal-annimali tal-akkwakultura, b'mod partikulari tal-ħut tal-ġewnaħ u tal-frott tal-baħar;

(m) 'il-mixtliet' tfisser il-postijiet fejn tkun applikata sistema intermedja tal-biedja, bejn l-istadji tat-tifqis u tat-tkabbir għad-daqs tas-suq. L-istadju tal-mixtliet jitlesta fl-ewwel terz taċ-ċiklu tal-produzzjoni ħlief għall-ispeċijiet li jkunu qed jgħaddu mill-proċess tal-adattament tal-ħut mill-ilma ħelu għall-ilma baħar ('smoltification');

(n) 'it-tniġġis' fil-qafas tal-produzzjoni tal-akkwakultura u tal-alka tfisser l-introduzzjoni ta' sustanzi jew ta' enerġija, b'mod dirett jew mhux, fl-ambjent akkwatiku kif imfisser fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2008/56/KE (*) u fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE (**), fl-ilmijiet fejn japplikaw rispettivament;

(o) 'il-polikultura' fil-qafas tal-produzzjoni tal-akkwakultura u tal-alka tfisser it-trobbija ta' żewġ speċijiet jew iktar fl-istess unità ta' kultura, li normalment ikunu minn livelli trofiċi differenti;

(p) 'iċ-ċiklu tal-produzzjoni' fil-qafas tal-produzzjoni tal-akkwakultura u tal-alka tfisser it-tul ta' ħajja ta' annimal tal-akkwakultura jew tal-alka mill-istadju l-iktar bikri tal-ħajja sal-qbid jew il-qtugħ;

(q) 'l-ispeċijiet imkabbrin lokalment' fil-qafas tal-produzzjoni tal-akkwakultura u tal-alka tfisser dawk l-ispeċijiet li la huma speċijiet aljeni u lanqas mhuma speċijiet li ma jinstabux lokalment skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 708/2007 (***). Dawk l-ispeċijiet imniżżlin fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 708/2007 jistgħu jitqiesu bħala speċijiet imkabbrin lokalment.

(r) 'id-densità tal-istokk' fil-qafas tal-akkwakultura tfisser il-piż tal-annimali ħajjin għal kull metru kubu ta' ilma fi kwalunkwe ħin matul il-fażi tat-tkabbir għad-daqs tas-suq u, fil-każ tal-ħut ċatt u l-gambli, il-piż għal kull metru kwadru tal-wiċċ.

(*) ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.
(**) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.
(***) ĠU L 168, 28.6.2007, p. 1."

(3) Fit-Titolu II għandu jiżdied il-Kapitolu 1a li ġej:

"*KAPITOLU 1a*

Il-produzzjoni tal-alka

Artikolu 6a

L-ambitu

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi regoli tal-produzzjoni ddettaljati għall-ġbir u t-tkabbir tal-alka. Japplika *mutatis mutandis* għall-produzzjoni tal-algi marini ta' ħafna ċelloli kollha jew tal-fitoplankton u tal-mikroalgi għall-użu wara bħala għalf għall-annimali tal-akkwakultura.

Artikolu 6b

Kemm il-midjum akkwatiku huwa adattat u l-pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli

1. Il-ħidmiet għandhom iseħħu f'postijiet li mhumiex suġġetti għat-tniġġis minn prodotti jew sustanzi li mhumiex awtorizzati għall-produzzjoni organika, jew minn pollutanti li jikkompromettu n-natura organika tal-prodotti.

2. L-unitajiet organiċi tal-produzzjoni tal-akkwakultura għandhom ikunu separati b'mod xieraq minn dawk li mhumiex organiċi. It-tali miżuri ta' separazzjoni għandhom jissejsu fuq il-qagħda naturali, fuq sistemi separati tat-tixrid tal-ilma, fuq id-distanzi, il-flussi tal-marea u l-post tal-unità organika tal-produzzjoni jkunx favur jew kontra l-kurrent. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jiddeżinjaw postijiet jew żoni li huma jqisu li mhumiex adattati għall-qbid tal-akkwakultura organika jew għall-qtugħ tal-alka organika u jistgħu jiffissaw ukoll id-distanzi minimi ta' separazzjoni bejn l-unitajiet tal-produzzjoni organika u dawk tal-produzzjoni li mhix organika.

F'każ li l-Istati Membri jkunu ffissaw distanzi minimi ta' separazzjoni, għandhom jgħaddu dan it-tagħrif lill-operaturi, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

3. Għall-ħidmiet il-ġodda kollha li jkunu qed japplikaw għall-produzzjoni organika u li jkunu qed jipproduċu iktar minn 20 tunnellata ta' prodotti tal-akkwakultura fis-sena, għandha tkun meħtieġa valutazzjoni ambjentali li tkun proporzjonata mal-unità tal-produzzjoni sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet tal-unità tal-produzzjoni u tal-ambjent immedjat tagħha u l-effetti li probabbli jkollha meta tibda titħaddem. L-operatur għandu jipprovdi l-valutazzjoni ambjentali lill-korp jew lill-awtorità ta' kontroll. Il-kontenut tal-valutazzjoni ambjentali għandu jissejjes fuq l-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE (*). Jekk l-unità tkun diġà suġġetta għal valutazzjoni ekwivalenti, allura l-użu tagħha għandu jkun permess għal dan il-għan.

4. L-operatur għandu jipprovdi pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-qbid tal-akkwakultura u tal-qtugħ tal-alka li jkun proporzjonat mal-unità tal-produzzjoni.

Il-pjan għandu jkun aġġornat kull sena u għandu jagħti dettalji dwar l-effetti ambjentali tal-ħidma u dwar il-monitoraġġ ambjentali li għandu jsir, u jniżżel il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti negattivi fuq l-ambjenti akkwatiċi u terrestri tal-madwar, inkluż, fejn applikabbli, it-tnixxija ta' nutrijenti fl-ambjent għal kull ċiklu tal-produzzjoni jew fis-sena. Il-pjan għandu jirreġistra s-sorveljanza u t-tiswija tat-tagħmir tekniku.

5. L-operaturi tan-negozji tal-akkwakultura u tal-alka għandhom jużaw, bi preferenza, sorsi tal-enerġija rinnovabbli u jirriċiklaw il-materjali, u għandhom ifasslu, bħala parti mill-pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli, skeda għat-tnaqqis tal-iskart li għandha tkun implimentata meta jinbdew il-ħidmiet. Fejn ikun possibbli, l-użu tas-sħana li tibqa' għandu jkun illimitat għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

6. Għall-qtugħ tal-alka għandha ssir stima ta' darba tal-bijomassa fil-bidu.

Artikolu 6c

Il-qtugħ sostenibbli tal-alka selvaġġa

1. Għandhom jinżammu kontijiet dokumentarji fl-unità jew fuq il-post u dawn għandhom igħinu lill-operatur jidentifika u lill-awtorità jew lill-korp ta' kontroll jivverifika li dawk li jaqtgħu l-alka jkunu fornew biss alka selvaġġa prodotta skont ir-Regolament (KE) Nru 834/2007.

2. Il-qtugħ għandu jsir b'tali mod li l-ammonti maqtugħa ma joħolqux impatt sinifikanti fuq l-istat tal-ambjent akkwatiku. Għandhom jittieħdu miżuri sabiex ikun żgurat li l-alka tkun tista' terġa' ttella', bħal per eżempju t-teknika tal-qtugħ, id-daqs minimu, l-età, iċ-ċikli tar-riproduzzjoni u d-daqs tal-alka li jkun għad baqa'.

3. Jekk l-alka tinqata' minn żona komuni jew maqsuma għall-qtugħ tal-alka, għandu jkun hemm evidenza dokumentarja li l-ammont maqtugħ kollu huwa f'konformità ma' dan ir-Regolament.

4. F'dak li għandu x'jaqsam mal-Artikolu 73b(2)(b) u (c), dawn ir-reġistri jridu jagħtu evidenza ta' ġestjoni sostenibbli u ta' ebda impatt fit-tul fuq iż-żoni għall-qtugħ.

Artikolu 6d

It-tkabbir tal-alka

1. Il-kultura tal-alka fil-baħar għandha tuża biss nutrijenti li jinsabu b'mod naturali fl-ambjent jew li jkunu ġejjin mill-produzzjoni organika tal-annimali tal-akkwakultura, li preferibbilment tkun tinsab fil-qrib bħala parti minn sistema ta' polikultura.

2. F'faċilitajiet fuq l-art fejn jintużaw sorsi esterni ta' nutrijenti, il-livelli tan-nutrijenti fl-ilma li jkun ħiereġ 'il barra minnhom għandhom ikunu l-istess jew inqas mill-ilma li jkun dieħel fihom, b'mod li jista' jkun ivverifikat. Jistgħu jintużaw biss in-nutrijenti li ġejjin mill-pjanti jew mill-minerali u hekk kif imniżżel fl-Anness I.

3. Id-densità tal-kultura jew l-intensità operattiva għandha tiġi rreġistrata u għandha żżomm l-integrità tal-ambjent akkwatiku billi jkun żgurat li ma tinqabiżx il-kwantità massima tal-alka li tista' tiġi appoġġata mingħajr effetti negattivi fuq l-ambjent.

4. Il-ħbula u tagħmir ieħor użat biex titkabbar l-alka għandu jerġa' jintuża jew jiġi rriċiklat fejn ikun possibbli.

Artikolu 6e

Il-miżuri għal kontra t-tkabbir ta' ħaxix tal-baħar mat-tagħmir u t-tindif tat-tagħmir u tal-faċilitajiet tal-produzzjoni

1. Organiżmi bijoloġiċi li jikbru mat-tagħmir għandhom jitneħħew biss b'mezzi fiżiċi jew bl-idejn u, fejn ikun xieraq, għandhom jerġgħu jintefgħu fil-baħar 'il boghod mill-istabbiliment.

2. It-tindif tat-tagħmir u tal-faċilitajiet għandu jsir biss permezz ta' miżuri fiżiċi jew mekkaniċi. F'każ li dan ma jkunx biżżejjed, jistgħu jintużaw biss is-sustanzi kif imniżżlin fit-Taqsima 2 tal-Anness VII.

(*) ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40."

(4) Fl-Artikolu 21, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

2. "Sa 20 % tal-ammont medju totali ta' prodotti tal-għalf mogħtija lill-bhejjem jista' jkun ġej mill-imrieħ jew mill-ħsad ta' mergħat permanenti, minn biċċiet agrikoli perenni tal-għalf jew mill-għelejjel tal-proteini, miżrugħin skont ġestjoni organika f'artijiet li jkunu fl-ewwel sena talbidla tagħhom, dejjem jekk dawn ikunu parti mill-istabbiliment stess u ma jkunux iffurmaw parti minn unità organika tal-produzzjoni ta' dak l-istess stabbiliment fl-aħħar ħames snin. F'każ li jkunu qed jintużaw kemm prodotti tal-għalf fil-fażi tal-konverżjoni kif ukoll prodotti tal-għalf minn biċċiet agrikoli li jkunu fl-ewwel sena tal-bidla tagħhom, il-perċentwal tal-ammont totali tat-tali prodotti tal-għalf meħudin flimkien m'għandux jaqbeż il-perċentwali massimi stabbiliti fil-paragrafu 1."

(5) Fit-Titolu II għandu jiżdied il-Kapitolu 2a li ġej:

"*KAPITOLU 2a*

Il-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura

Taqsima 1

Ir-regoli ġenerali

Artikolu 25a

L-ambitu

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi regoli tal-produzzjoni ddettaljati għall-ispeċijiet tal-ħut, tal-krustaċej, tal-ekinodermi u tal-molluski kif koperti mill-Anness XIIIa.

Japplika *mutatis mutandis* għaż-żooplankton, għall-mikrokrustaċej, għar-rotiferi, għad-dud u għall-annimali akkwatiċi l-oħra għall-għalf.

Artikolu 25b

Kemm il-midjum akkwatiku huwa adattat u l-pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6b(1) sa (5) għandhom japplikaw għal dan il-Kapitolu.

2. Miżuri preventivi u ta' difiża meħudin kontra l-predaturi skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE (*) u skont ir-regoli nazzjonali għandhom jitniżżlu fil-pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli.

3. Għandu jkun hemm koordinazzjoni li tista' tkun ivverifikata bejn l-operaturi li ħidmiethom imissu ma' ta' xulxin huma u jfasslu l-pjanijiet tagħhom dwar il-ġestjoni, fejn dan ikun applikabbli.

4. Għall-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura fil-vaski tal-ħut, fit-tankijiet u fil-korsi, l-istabbilimenti għandhom ikunu mgħammra jew b'tankijiet jew vaski b'saff naturali biex jiffiltraw l-ilma, jew b'vaski fejn joqgħod in-naqal, jew b'filtri bijoloġiċi jew mekkaniċi biex jiġbru n-nutrijenti tal-iskart jew għandhom jużaw l-alka u/jew l-annimali (bivalvi u l-algi) li jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità tal-ilma li jkun ħiereġ 'il barra minnhom. Fejn ikun xieraq, għandu jkun hemm monitoraġġ tal-ilma li jkun ħiereġ 'il barra minnhom f'perjodi regolari.

Artikolu 25c

Il-produzzjoni fl-istess ħin ta' annimali tal-akkwakultura li huma organiċi u ta' dawk li mhumiex

1. L-awtorità kompetenti tista' tħalli lill-mafqsiet u lill-mixtliet ikabbru kemm ħut żgħir organiku u mhux fl-istess stabbiliment, dejjem jekk l-unitajiet ikunu fiżikament separati b'mod ċar u jekk ikun hemm sistema separata tad-distribuzzjoni tal-ilma.

2. Fil-każ tal-produzzjoni tat-tkabbir għad-daqs tas-suq, l-awtorità kompetenti tista' tħalli unitajiet organiċi tal-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura u dawk li mhumiex organiċi fl-istess stabbiliment, dejjem jekk ikun hemm konformità mal-Artikolu 6b(2) ta' dan ir-Regolament u f'każ fejn ikunu involuti fażijiet differenti tal-produzzjoni u perjodi differenti tat-tqandil tal-annimali tal-akkwakultura.

3. L-operaturi għandhom iżommu evidenza dokumentarja tal-użu tad-dispożizzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu.

Taqsima 2

L-oriġini tal-annimali tal-akkwakultura

Artikolu 25d

L-oriġini tal-annimali tal-akkwakultura li huma organiċi

1. Għandhom jintużaw speċi mkabbrin lokalment u t-tgħammir għandu jimmira li joħloq razez li huma iktar adattati għall-kundizzjonijiet tat-tkabbir, għas-saħħa tajba, u għall-użu tajjeb tar-riżorsi tal-għalf. Il-korp jew l-awtorità ta' kontroll għandhom jingħataw evidenza dokumentarja dwar l-oriġini u t-trattament tagħhom.

2. Għandhom jingħażlu speċi li jistgħu jitkabbru mingħajr ma ssir ħsara sinifikanti lill-istokks selvaġġi.

Artikolu 25e

L-oriġini u l-ġestjoni ta' annimali tal-akkwakultura li mhumiex organiċi

1. Għall-għanijiet tat-tgħammir jew tat-titjib tal-istokk ġenetiku u f'każ fejn ma jkunx hemm annimali organiċi tal-akkwakultura disponibbli, jistgħu jiddaħħlu fl-istabbiliment annimali selvaġġi tal-akkwakultura maqbudin jew annimali tal-akkwakultura mhux organiċi. It-tali annimali għandhom jinżammu skont ġestjoni organika għal mill-anqas tliet xhur qabel ma jkunu jistgħu jintużaw għat-tgħammir.

2. Għall-għanijiet tat-tismin u f'każ fejn ma jkunx hemm annimali organiċi tal-akkwakultura żgħar disponibbli, jistgħu jiddaħħlu fl-istabbiliment annimali tal-akkwakultura żgħar mhux organiċi. Tal-inqas l-aħħar żewġ terzi ta' tul iċ-ċiklu tal-produzzjoni għandu jseħħ skont ġestjoni organika.

3. Il-perċentwal massimu ta' ħut żgħir tal-akkwakultura mhux organiku mdaħħal fl-istabbiliment għandu jkun ta': 80 % sal-31 ta' Diċembru 2011, 50 % sal-31 ta' Diċembru 2013 u 0 % sal-31 ta' Diċembru 2015.

4. Għall-għanijiet tat-tismin, il-qbid ta' ħut żgħir selvaġġ tal-akkwakultura huwa restritt b'mod speċifiku għall-każijiet li ġejjin:

(a) l-influss naturali ta' larvi u ħut żgħir tal-ħut u tal-krustaċej meta jkunu qed jimtlew il-vaski, is-sistemi taż-żamma u ż-żoni magħluqin;

(b) is-sallur ta' inqas minn sena, dejjem jekk ikun implimentat pjan għall-ġestjoni tas-sallur approvat għal dak il-post u r-riproduzzjoni artifiċjali tas-sallur tibqa' ma tissolviex.

Taqsima 3

Il-prattiki tat-trobbija tal-akkwakultura

Artikolu 25f

Ir-regoli ġenerali tat-trobbija tal-akkwakultura

1. L-ambjent tat-trobbija tal-annimali tal-akkwakultura għandu jitfassal b'tali mod li, skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-ispeċi tagħhom, l-annimali tal-akkwakultura għandhom:

(a) ikollhom biżżejjed spazju għall-benesseri tagħhom;

(b) jinżammu f'ilma ta' kwalità tajba li jkollu biżżejjed livelli ta' ossiġnu; u

(c) jinżammu f'temperatura u f'kundizzjonijiet tad-dawl skont ir-rekwiżiti tal-ispeċi u filwaqt li jitqies il-post ġeografiku;

(d) fil-każ tal-ħut tal-ilma ħelu, il-qiegħ għandu jkun joqrob kemm jista' jkun lejn il-kundizzjonijiet naturali;

(e) fil-każ tal-karpjun, il-qiegħ se jkun art naturali.

2. Id-densità tal-istokk hija mogħtija fl-Anness XIIIa skont l-ispeċi jew il-grupp ta' speċijiet. Filwaqt li jitqiesu l-effetti tad-densità tal-istokk fuq il-benesseri tal-ħut fl-istabbiliment, għandhom ikunu mmonitorjati l-kundizzjoni tal-ħut (bħall-ħsara lill-ġwienaħ, feriti oħrajn, ir-rata tat-tkabbir, l-imġiba espressa u s-saħħa ġenerali) u l-kwalità tal-ilma.

3. Id-disinn u l-bini tas-sistemi akkwatiċi taż-żamma għandhom jipprovdu rati ta' ġiri tal-ilma u parametri fiżjokimiċi li jissalvagwardjaw is-saħħa u l-benesseri tal-annimali u jipprovdu għall-ħtiġijiet ta' mġibithom.

4. Is-sistemi taż-żamma għandhom jitfasslu, jitqiegħdu u jitħaddmu sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' inċidenti li fihom jaħarbu l-annimali.

5. Jekk jaħarbu l-ħut jew il-krustaċej, għandha tittieħed azzjoni xierqa sabiex jitnaqqas l-impatt fuq l-ekosistema tal-post, inkluż il-qbid mill-ġdid, fejn ikun xieraq. Għandha tinżamm evidenza dokumentarja.

Artikolu 25g

Ir-regoli speċifiċi għas-sistemi akkwatiċi taż-żamma

1. Il-faċilitajiet magħluqa taċ-ċirkulazzjoni mill-ġdid tal-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura mhumiex permessi, ħlief għall-mafqsiet u għall-mixtliet, u ħlief għall-produzzjoni ta' speċijiet użati bħala organiżmi organiċi tal-għalf.

2. L-unitajiet tat-trobbija fuq l-art għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) għal sistemi bl-ilma diehel u ħiereġ minnhom, għandu jkun possibbli li wieħed jimmonitorja u jikkontrolla r-rata ta' ġiri tal-ilma u l-kwalità kemm tal-ilma li jkun dieħel fihom kif ukoll tal-ilma li jkun ħiereġ 'il barra minnhom;

(b) tal-anqas ħamsa fil-mija miż-żona ta' mad-dawra tal-istabbiliment ('iż-żona fejn jiltaqgħu l-art u l-ilma') għandu jkollha veġetazzjoni naturali.

3. Is-sistemi taż-żamma fil-baħar għandhom:

(a) ikunu jinsabu f'post fejn ir-rata ta' ġiri tal-ilma, il-fond tal-ilma u t-tibdil tal-ammont tal-ilma jkunu xierqa biex jitnaqqas l-impatt fuq qiegħ il-baħar u fuq l-ammont tal-ilma tal-madwar;

(b) ikollhom disinn, bini u manteniment tal-gaġeġ li jkunu adegwati f'dak li għandu x'jaqsam mal-esponiment tagħhom għall-ambjent ta' ħidma.

4. It-tishin u t-tberrid artifiċjali tal-ilma għandu jkun permess biss fil-mafqsiet u l-mixtliet. Għat-tishin u t-tberrid tal-ilma fl-istadji kollha tal-produzzjoni jista' jintuża ilma naturali mill-ispieri.

Artikolu 25h

Il-ġestjoni tal-annimali tal-akkwakultura

1. Għandu jitnaqqas kemm jista' jkun it-tqandil tal-annimali tal-akkwakultura, u dan għandu jitwettaq bl-ikbar attenzjoni u għandhom jintużaw it-tagħmir u l-protokolli xierqa sabiex jiġu evitati l-istress u l-ħsara fiżika assoċjati mal-proċeduri tat-tqandil. L-istokk għar-riproduzzjoni għandu jitqandel b'mod li jitnaqqsu kemm jista' jkun il-ħsara fiżika u l-istress u, fejn ikun xieraq, billi jingħata l-loppju. Il-ħidmiet tal-gradazzjoni għandhom ikunu llimitati kemm jista' jkun u għandhom jitwettqu skont il-bżonn sabiex ikun żgurat il-benesseri tal-ħut.

2. Għandhom japplikaw ir-restrizzjonijiet li ġejjin fuq l-użu tad-dawl artifiċjali:

(a) sabiex jittawwal il-ħin naturali tal-ġurnata, dan ma għandux jaqbeż massimu li jirrispetta l-ħtiġijiet etoloġiċi, il-kundizzjonijiet ġeografiċi u s-saħħa ġenerali tal-annimali fl-istabbiliment, u dan il-massimu ma għandux jaqbeż is-16-il siegħa kuljum, ħlief għall-għanijiet tar-riproduzzjoni;

(b) Għandhom ikunu evitati bidliet f'salt fl-intensità tad-dawl waqt il-ħin tal-bidla billi jintużaw bozoz li jistgħu jitbaxxew bil-mod il-mod jew dawl fl-isfond.

3. Għandha titħalla tingħata l-arja sabiex ikunu żgurati l-benesseri u s-saħħa tal-annimali skont il-kundizzjoni li l-arjaturi mekkaniċi għandhom jitħaddmu preferibbilment b'sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

Kwalunkwe tali użu għandu jitniżżel fir-reġistru dwar il-produzzjoni tal-akkwakultura.

4. L-ossiġnu likwidu jista' jintuża biss għall-użi marbutin mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali u ma' perjodi kritiċi tal-produzzjoni jew tal-ġarr, fil-każijiet li ġejjin:

(a) f'każ li jkun hemm, b'mod eċċezzjonali, żieda fit-temperatura, tnaqqis fil-pressjoni tal-arja jew tniġġis bi żball;

(b) fil-każ ta' proċeduri ta' darba fil tal-ġestjoni tal-istokk bħat-teħid ta' kampjuni u l-għażla;

(c) sabiex tkun żgurata s-sopravivenza tal-istokk tal-istabbiliment.

Għandha tinżamm evidenza dokumentarja.

5. It-tekniki tal-qatla għandhom jitilfu lill-ħut minn sensihom u jneħħulhom il-ħila li jħossu l-uġigħ mill-ewwel. Għandhom jitqiesu d-differenzi fid-daqs tal-qbid, fl-ispeċijiet, u fis-siti tal-produzzjoni meta jkunu qed jiġu kkunsidrati l-aqwa metodi għall-qatla.

Taqsima 4

It-tgħammir

Artikolu 25i

Il-projbizzjoni tal-ormoni

L-użu tal-ormoni u tad-derivati tal-ormoni mhuwiex permess.

Taqsima 5

L-għalf tal-ħut, tal-krustaċej u tal-ekinodermi

Artikolu 25j

Ir-regoli ġenerali dwar l-għalf

Ir-reġimi tal-għalf għandhom jitfasslu bil-prijoritajiet li ġejjin:

(a) is-saħħa tal-annimali;

(b) kwalità għolja tal-prodotti, inkluż tal-kompożizzjoni nutrizzjonali, li għandha tiżgura kwalità għolja tal-prodott aħħari li jista' jittiekel;

(c) impatt baxx fuq l-ambjent.

Artikolu 25k

Ir-regoli speċifiċi dwar l-għalf għall-annimali tal-akkwakultura li huma karnivori

1. L-għalf għall-annimali tal-akkwakultura li huma karnivori għandu jinġieb skont il-prijoritajiet li ġejjin:

(a) prodotti organiċi tal-għalf li ġejjin mill-akkwakultura;

(b) ikel u żejt tal-ħut mill-bċejjeċ maqtugħin mill-akkwakultura organika;

(c) ikel u żejt tal-ħut u ingredjenti li ġejjin mill-ħut u li ġejjin mill-bċejjeċ maqtugħin mill-ħut li jkun diġà nqabad għall-konsum min-nies permezz tas-sajd sostenibbli;

(d) materjali organiċi għall-għalf li ġejjin mill-pjanti u mill-annimali kif imniżżlin fl-Anness V u f'konformità mar-restrizzjoni stabbilita fih.

2. Jekk ma jkunx disponibbli l-għalf imsemmi fil-paragrafu 1, jista' jintuża ikel tal-ħut u żejt tal-ħut mill-bċejjeċ maqtugħin mill-akkwakultura mhux organika jew bċejjeċ maqtugħin mill-ħut maqbud għall-konsum min-nies għal perjodu tranżizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2014. It-tali materjal tal-għalf ma għandux jaqbeż it-30 % tal-porzjon ta' kuljum.

3. Il-porzjon tal-għalf jista' jinkludi sa massimu ta' 60 % ta' prodotti organiċi tal-pjanti.

4. Astażantin li jkun ġej l-aktar minn sorsi organiċi, bħal mill-qxur tal-krustaċej organiċi, jista' jintuża fil-porzjon tal-għalf tas-salamun u tat-troti fil-limitu tal-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom. Jekk ma jkunux disponibbli s-sorsi organiċi, jistgħu jintużaw sorsi naturali tal-astażantin (bħall-ħmira tat-tip 'Phaffia').

Artikolu 25l

Ir-regoli speċifiċi dwar l-għalf għal ċerti annimali tal-akkwakultura

1. L-annimali tal-akkwakultura kif imsemmija fit-Taqsimiet 6, 7 u 9 tal-Anness XIIIa għandhom jingħalfu b'għalf li jkun disponibbli b'mod naturali fil-vaski u fil-lagi.

2. F'każ fejn ma jkunux disponibbli riżorsi naturali tal-għalf fi kwantitajiet li jkunu biżżejjed, kif imsemmi fil-paragrafu 1, jista' jintuża għalf organiku li ġej mill-pjanti li, preferibbilment, ikunu tkabbru fl-istabbiliment stess, jew l-alka. L-operaturi għandhom iżommu evidenza dokumentarja dwar il-ħtieġa li jintuża għalf addizzjonali.

3. F'każ fejn l-għalf naturali jkun issuplimentat skont il-paragrafu 2, il-porzjon tal-għalf tal-ispeċijiet kif imsemmi fit-taqsima 7 u tas-'siamese catfish' (*Pangasius* sp.) kif imsemmi fit-taqsima 9 jista' jinkludi sa massimu ta' 10 % ta' ikel tal-ħut jew żejt tal-ħut li ġej mis-sajd sostenibbli.

Artikolu 25m

Prodotti u sustanzi kif imsemmija fl-Artikolu 15(1)(d)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007

1. Fl-akkwakultura organika jistgħu jintużaw materjali għall-għalf li ġejjin mill-annimali u mill-minerali biss jekk dawn ikunu mniżżlin fl-Anness V.

2. Addittivi tal-għalf, ċerti prodotti użati fin-nutrizzjoni tal-annimali u għajnuniet għall-ipproċessar jistgħu jintużaw jekk ikunu mniżżlin fl-Anness VI u jekk ikunu konformi mar-restrizzjonijiet stabbiliti fih.

Taqsima 6

Ir-regoli speċifiċi għall-molluski

Artikolu 25n

Iż-żona għat-tkabbir

1. It-tkabbir tal-molluski bivalvi jista' jitwettaq fl-istess żona tal-ilma bħat-tkabbir organiku tal-ħut tal-ġewnaħ u tal-alka f'sistema ta' polikultura li għandha tiġi ddokumentata fil-pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli. Il-molluski bivalvi jistgħu jitkabbru wkoll flimkien mal-molluski gasteropodi, bħall-brankutli, fil-polikultura.

2. Il-produzzjoni organika tal-molluski bivalvi għandha titwettaq f'żoni ddelimitati b'żubruni, kannizzati jew b'marki ċari oħrajn u għandha tkun ristretta, kif xieraq, bi xbieki, gaġeġ jew mezzi oħra magħmulin mill-bniedem.

3. L-istabbilimenti organiċi tal-frott tal-baħar għandhom inaqqsu kemm jista' jkun ir-riskju għal speċijiet li huma ta' interess għall-konservazzjoni. Jekk jintużaw xbieki tal-predaturi, id-disinn tagħhom ma għandux jippermetti li ssir ħsara lill-għasafar li jogħdsu.

Artikolu 25o

Il-ġbir taż-żerriegħa

1. Dejjem jekk ma ssirx ħsara sinifikanti lill-ambjent u jekk ikun permess mil-leġiżlazzjoni tal-post, tista' tintuża żerriegħa selvaġġa minn barra l-limiti tal-unità tal-produzzjoni fil-każ tal-frott tal-baħar bivalvi, dejjem jekk din tkun ġejja minn:

(a) irqajja' ta' ħut li wisq probabbli ma jifilħux għat-temp xitwi jew li jkunu ta' ammont ikbar milli hemm bżonn, jew

(b) irqajja' naturali ta' żerriegħa tal-frott tal-baħar fit-tagħmir użat għall-ġbir.

Għandhom jinżammu reġistri dwar meta, kif u minn fejn inġabret iż-żerriegħa selvaġġa sabiex tkun tista' tiġi ttraċċata ż-żona tal-ġbir.

Madanakollu, iż-żerriegħa mill-mafqsiet tal-frott tal-baħar bivalvi li mhumiex organiċi tista' tiddaħħal fl-unitajiet organiċi tal-produzzjoni bil-perċentwali massimi li ġejjin: 80 % sal-31 ta' Diċembru 2011, 50 % sal-31 ta' Diċembru 2013 u 0 % sal-31 ta' Diċembru 2015.

2. Fil-każ tal-gajdra tat-tip *Crassostrea gigas,* għandha tingħata preferenza lill-istokk li jkun tgħammar b'mod selettiv sabiex jitnaqqas il-bidien fis-selvaġġ.

Artikolu 25p

Il-ġestjoni

1. Fil-produzzjoni għandha tintuża densità tal-istokk li ma tkunx iktar minn dik użata fir-reġjun għall-frott tal-baħar li mhuwiex organiku. L-aġġustamenti għall-għażla, għat-tnaqqis u għad-densità tal-istokk għandhom isiru skont il-bijomassa u sabiex jiżguraw il-benesseri tal-annimali u l-kwalità għolja tal-prodotti.

2. Organiżmi bijoloġiċi li jikbru mat-tagħmir għandhom jitneħħew b'mezzi fiżiċi jew bl-idejn u, fejn xieraq, jerġgħu jintefgħu fil-baħar 'il boġħod mill-istabbilimenti tal-frott tal-baħar. Matul iċ-ċiklu tal-produzzjoni, il-frott tal-baħar jista' jiġi ttrattat darba b'soluzzjoni tal-ġir sabiex ikunu kkontrollati organiżmi li jikbru mat-tagħmir li jkunu qed jikkompetu magħhom.

Artikolu 25q

Ir-regoli dwar it-tkabbir

1. It-tkabbir fuq il-ħbula tal-maskli u b'metodi oħrajn imniżżlin fit-Taqsima 8 tal-Anness XIIIa jista' jkun eliġibbli għall-produzzjoni organika.

2. Il-molluski jistgħu jitkabbru f'qiegħ il-baħar biss jekk dan ma jwassal għall-ebda impatt ambjentali sinifikanti fis-siti tal-ġbir u tat-tkabbir. L-evidenza li dan it-tkabbir għandu impatt ambjentali minimu għandha tkun appoġġata bi kwestjonarju u b'rapport dwar iż-żona sfruttata li għandhom jingħataw lill-korp jew lill-awtorità ta' kontroll mill-operatur. Ir-rapport għandu jiżdied mal-pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli bħala kapitolu separat.

Artikolu 25r

Ir-regoli speċifiċi dwar it-tkabbir tal-gajdar

Huwa permess it-tkabbir f'basktijiet fuq il-kavalletti. Dawn, flimkien ma' strutturi oħrajn li fihom jinżamm il-gajdar, għandhom jitpoġġew b'tali mod li tkun evitata l-formazzjoni ta' barriera waħda sħiħa mal-kosta. L-istokk għandu jitqiegħed b'attenzjoni kbira fl-irqajja' skont il-flussi tal-marea sabiex il-produzzjoni tittejjeb kemm jista' jkun. Il-produzzjoni għandha tissodisfa l-kriterji mniżżlin fit-Taqsima 8 tal-Anness XIIIa.

Taqsima 7

Il-prevenzjoni tal-mard u t-trattament veterinarju

Artikolu 25s

Ir-regoli ġenerali dwar il-prevenzjoni tal-mard

1. F'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/88/KE, il-pjan dwar il-ġestjoni tas-saħħa tal-annimali għandu jagħti dettalji dwar il-prattiki tal-bijosigurtà u tal-prevenzjoni tal-mard, inkluż ftehim bil-miktub dwar konsulenza dwar is-saħħa li tkun proporzjonata mal-unità tal-produzzjoni minn servizzi kkwalifikati fis-saħħa tal-annimali tal-akkwakultura li għandhom iżuru l-istabbiliment tal-inqas darba fis-sena u tal-inqas darba kull sentejn fil-każ tal-frott tal-baħar bivalvi.

2. Is-sistemi, it-tagħmir u l-għodod tal-istabbilimenti għandhom jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati sewwa. Jistgħu jintużaw biss il-prodotti mniżżlin fit-Taqsimiet 2.1 sa 2.2 tal-Anness VII.

3. F'dak li għandu x'jaqsam mas-serħan:

(a) L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi dwar jekk hux meħtieġ is-serħan u dwar it-tul ta' żmien xieraq li għandu jkun applikat u ddokumentat wara kull ċiklu ta' produzzjoni fis-sistemi taż-żamma tal-ilma miftuħin fil-baħar. Is-serħan huwa rrakkomandat ukoll għal metodi ta' produzzjoni oħrajn li jużaw it-tankijiet, il-vaski tal-ħut u l-gaġeġ;

(b) dan ma għandux ikun obbligatorju għat-tkabbir tal-molluski bivalvi;

(c) matul il-perjodu tas-serħan, il-gaġġa jew l-istruttura l-oħra użata għall-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura titbattal, tiġi ddiżinfettata u titħalla battala qabel ma terġa' tintuża.

4. Fejn ikun xieraq, l-għalf tal-ħut li ma jkunx ittiekel, il-ħmieġ tal-ħut u l-annimali mejtin għandhom jitneħħew mill-ewwel sabiex ikun evitat kull riskju ta' ħsara ambjentali sinifikanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-ilma, sabiex jitnaqqsu r-riskji tal-mard, u jkun evitat li jkunu attratti insetti jew mammali gerriema.

5. Id-dawl ultravjola u l-ożonu jistgħu jintużaw biss fil-mafqsiet u fil-mixtliet.

6. Għall-kontroll bijoloġiku tal-ektoparassiti, għandha tingħata preferenza lill-użu ta' ħut iktar nadif.

Artikolu 25t

It-trattamenti veterinarji

1. Meta titfaċċa problema tas-saħħa minkejja l-miżuri preventivi sabiex tkun żgurata s-saħħa tal-annimali skont l-Artikolu 15(1)(f)(i) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, jistgħu jintużaw it-trattamenti veterinarji li ġejjin f'din l-ordni ta' preferenza:

(a) sustanzi mill-pjanti, mill-annimali jew mill-minerali f'sustanza dilwita omeopatika;

(b) pjanti u l-estratti tagħhom li ma għandhomx effetti anestetiċi; u

(c) sustanzi bħal l-oligoelementi, il-metalli, l-immunostimulanti naturali, jew il-probijotiċi awtorizzati.

2. L-użu tat-trattamenti allopatiċi huwa llimitat għal żewġ korsijiet ta' trattament fis-sena, ħlief għat-tilqim u għall-iskemi obbligatorji ta' qerda. Madanakollu, fil-każ ta' ċiklu ta' produzzjoni ta' inqas minn sena, japplika limitu ta' trattament allopatiku wieħed. Jekk jinqabżu l-limiti msemmija għat-trattamenti allopatiċi, l-annimali tal-akkwakultura kkonċernati ma jistgħux jinbiegħu bħala prodotti organiċi.

3. L-użu tat-trattamenti kontra l-parassiti, li ma jinkludix l-iskemi obbligatorji tal-kontroll imħaddma mill-Istati Membri, għandu jkun illimitat għal darbtejn fis-sena jewinkella għal darba fis-sena f'każ li ċ-ċiklu tal-produzzjoni jkun ta' inqas minn 18-il xahar.

4. Il-perjodu ta' rtirar tat-trattamenti veterinarji allopatiċi u tat-trattamenti kontra l-parassiti skont il-paragrafu 3, inklużi tat-trattamenti skont l-iskemi obbligatorji tal-kontroll u ta' qerda, għandu jkun id-doppju tal-perjodu legali ta' rtirar kif imsemmi fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/82/KE, jew, f'każ li dan il-perjodu ma jkunx speċifikat, ta' 48 siegħa.

5. Kull meta jintużaw prodotti mediċinali veterinarji, ittali użu għandu jkun mistqarr lill-korp jew lill-awtorità ta' kontroll qabel ma dawn l-annimali jitqiegħdu fis-suq bħala annimali organiċi. L-istokk li jkun ġie ttrattat għandu jkun jista' jkun identifikat b'mod ċar.

(*) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7."

(6) Fil-Kapitolu 3 tat-Titolu II, għandu jiżdied l-Artikolu 29a li ġej wara l-Artikolu 29:

"Artikolu 29a

Id-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-alka

1. Jekk il-prodott aħħari tkun l-alka friska, għandu jintuża l-ilma bahar biex tinħasel l-alka li jkun għadha kemm inqatgħet.

Jekk il-prodott aħħari tkun l-alka mnixxfa, jista' jintuża wkoll l-ilma tax-xorb għall-ħasil. Jista' jintuża l-melħ għat-tneħħija tal-irtuba.

2. Għat-tnixxif, ma għandux ikun permess l-użu ta' fjammi diretti li jkunu f'kuntatt dirett mal-alka. F'każ li jintużaw ħbula jew tagħmir ieħor waqt il-proċess tat-tnixxif, dawn ma għandhomx ikollhom trattamenti għal kontra t-tkabbir ta' ħaxix tal-bahar magħhom jew sustanzi għat-tindif jew għad-diżinfezzjoni ħlief meta l-prodott ikun imniżżel fl-Anness VII għal dan il-għan."

(7) Fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II, għandu jiżdied l-Artikolu 32a li ġej:

"Artikolu 32a

Il-ġarr tal-ħut ħaj

1. Il-ħut ħaj għandu jinġarr f'tankijiet xierqa li jkun fihom ilma nadif li jissodisfa l-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom f'termini tat-temperatura u tal-ossiġnu maħlul.

2. Qabel ma jinġarru l-ħut u l-prodotti tal-ħut organiċi, it-tankijiet għandhom jitnaddfu, jkunu ddiżinfettati u jitlaħalhu sewwa.

3. Għandhom jittieħdu prekawzjonijiet sabiex jitnaqqas l-istress. Waqt il-ġarr, id-densità ma għandhiex tkun ta' livell li jkun ta' ħsara għall-ispeċi.

4. Għandha tinżamm evidenza dokumentarja għall-paragrafi 1 sa 3."

(8) Fl-Artikolu 35, il-paragrafi 2 u 3 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"2. Fil-każ ta' unitajiet organiċi tal-produzzjoni tal-pjanti, tal-alka, tal-bhejjem u tal-annimali tal-akkwakultura, il-ħażna ta' prodotti wżati ('input') differenti minn dawk awtorizzati skont dan ir-Regolament hija pprojbita fl-unità tal-produzzjoni.

3. Fl-istabbilimenti jistgħu jinħażnu prodotti mediċinali veterinarji allopatiċi u antibijotiċi dejjem jekk dawn ikunu ġew preskritti minn veterinarju b'rabta mat-trattament kif imsemmi fl-Artikoli 14(1)(e)(ii) u 15(1)(f)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, jekk jinħażnu f'post issorveljat u jekk jitniżżlu fir-reġistru tal-bhejjem kif imsemmi fl-Artikolu 76 ta' dan ir-Regolament, jew, kif xieraq, fir-reġistri dwar il-produzzjoni tal-akkwakultura kif imsemmi fl-Artikolu 79b ta' dan ir-Regolament."

(9) Fil-Kapitolu 5 tat-Titolu II, għandu jiżdied l-Artikolu 36a li ġej:

"Artikolu 36a

L-alka

1. Għal sit għall-qtugħ tal-alka, il-perjodu għall-bidla għandu jkun ta' sitt xhur.

2. Għal unità għat-tkabbir tal-alka, il-perjodu għall-bidla għandu jkun jew ta' sitt xhur jew ta' ċiklu wieħed sħiħ tal-produzzjoni, skont liema minnhom ikun l-itwal."

(10) Fil-Kapitolu 5 tat-Titolu II, għandu jiżdied l-Artikolu 38a li ġej wara l-Artikolu 38:

"Artikolu 38a

Il-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura

1. Għat-tipi ta' faċilitajiet tal-akkwakultura li ġejjin, inklużi l-annimali tal-akkwakultura li diġà jeżistu, għandhom japplikaw il-perjodi għall-bidla li ġejjin għall-unitajiet tal-produzzjoni tal-akkwakultura:

(a) perjodu għall-bidla ta' 24 xahar għall-faċilitajiet li ma jistgħux jitbattlu mill-ilma, jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati;

(b) perjodu għall-bidla ta' 12-il xahar għall-faċilitajiet li tbattlu mill-ilma jew li sserrħu;

(c) perjodu għall-bidla ta' sitt xhur għall-faċilitajiet li tbattlu mill-ilma, li tnaddfu u li ġew iddiżinfettati;

(d) perjodu għall-bidla ta' tliet xhur għall-faċilitajiet li jkunu fl-ilma bahar, inklużi dawk li jkunu qed ikabbru l-molluski bivalvi.

2. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tagħraf bħala parti mill-perjodu għall-bidla, b'mod retroattiv, kwalunkwe perjodu li jkun iddokumentat qabel li fih il-faċilitajiet ma jkunux ġew ittrattati jew esposti għal prodotti li ma jkunux awtorizzati għall-produzzjoni organika."

(11) L-intestatura tal-Artikolu 43 għandha tinbidel b'dan li ġej:

"L-użu ta' għalf għall-bhejjem li mhuwiex organiku u li ġej mill-pjanti u mill-annimali";

(12) Fl-Artikolu 59, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Dan il-Kapitolu ma għandux japplika għall-ikel tal-annimali domestiċi u għall-għalf għall-annimali tal-pil u r-rix."

(13) Fl-Artikolu 60, il-paragrafu 1(a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(a) l-għalf ipproċessat huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u, b'mod partikulari, mal-Artikolu 14(1)(d)(iv) u (v) għall-bhejjem u mal-Artikolu 15(1)(d) għall-annimali tal-akkwakultura u mal-Artikolu 18 tiegħu;"

(14) Fit-Titolu IV għandu jiżdied il-Kapitolu 2a li ġej:

"*KAPITOLU 2a*

Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-kontroll tal-alka

Artikolu 73a

L-arranġamenti tal-kontroll għall-alka

Meta s-sistema ta' kontroll li tkun tapplika b'mod speċifiku għall-alka tkun implimentata għall-ewwel darba, id-deskrizzjoni sħiħa tas-sit imsemmi fl-Artikolu 63(1)(a) għandha tinkludi:

(a) deskrizzjoni sħiħa tal-istallazzjonijiet fuq l-art u fil-baħar;

(b) il-valutazzjoni ambjentali kif deskritta fl-Artikolu 6b(3), fejn applikabbli;

(c) il-pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli kif deskritt fl-Artikolu 6b(4), fejn applikabbli;

(d) għall-alka selvaġġa, għandhom jitfasslu deskrizzjoni sħiħa u mappa taż-żoni tal-ġbir ta' mal-kosta u ta' ġol-baħar, u taż-żoni ta' fuq l-art fejn jitwettqu l-attivitajiet ta' wara l-ġbir.

Artikolu 73b

Ir-reġistri dwar il-produzzjoni tal-alka

1. Ir-reġistri dwar il-produzzjoni tal-alka għandhom jimtlew mill-operatur bħala reġistru u għandhom dejjem jinżammu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet jew tal-korpi ta' kontroll fil-post tal-istabbiliment. Dan għandu jinkludi tal-anqas it-tagħrif li ġej:

(a) lista tal-ispeċijiet, id-data u l-ammont maqtugħ;

(b) id-data tal-applikazzjoni, it-tip u l-ammont ta' fertilizzant użat.

2. Għall-ġbir tal-alka selvaġġa, ir-reġistru għandu jinkludi wkoll:

(a) l-istorja tal-attività tal-qtugħ għal kull speċi fl-irqajja' msemmija;

(b) l-istima (tal-volum) tal-qtugħ kull staġun;

(c) l-għejjun possibbli ta' tniġġis tal-irqajja' tal-qtugħ;

(d) ir-rendiment annwali sostenibbli għal kull roqgħa."

(15) Fit-Titolu IV għandu jiżdied il-Kapitolu 3a li ġej:

"*KAPITOLU 3a*

Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-kontroll tal-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura

Artikolu 79a

L-arranġamenti tal-kontroll għall-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura

Meta s-sistema ta' kontroll li tkun tapplika b'mod speċifiku għall-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura tkun implimentata għall-ewwel darba, id-deskrizzjoni sħiħa tal-unità msemmija fl-Artikolu 63(1)(a) għandha tinkludi:

(a) deskrizzjoni sħiħa tal-istallazzjonijiet fuq l-art u fil-baħar;

(b) il-valutazzjoni ambjentali kif deskritta fl-Artikolu 6b(3), fejn applikabbli;

(c) il-pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli kif deskritt fl-Artikolu 6b(4), fejn applikabbli;

(d) fil-każ tal-molluski, taqsira tal-kapitolu speċjali tal-pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli, kif meħtieġ mill-Artikolu 25q(2).

Artikolu 79b

Ir-reġistri dwar il-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura

L-operatur għandu jipprovdi t-tagħrif li ġej fil-forma ta' reġistru li għandu jinżamm aġġornat u li għandu dejjem jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet jew tal-korpi ta' kontroll fil-post tal-istabbiliment:

(a) l-oriġini, id-data tal-wasla u l-perjodu għall-bidla tal-annimali li jkunu waslu fl-istabbiliment;

(b) l-għadd ta' lottijiet, l-età, il-piż u d-destinazzjoni tal-annimali li jkunu qed jitilqu mill-istabbiliment;

(c) reġistri dwar il-ħarbiet tal-ħut;

(d) għall-ħut, it-tip u l-ammont ta' għalf u, fil-każ tal-karpjun u ta' speċijiet relatati, reġistru dokumentarju dwar l-użu ta' għalf addizzjonali;

(e) it-trattamenti veterinarji, inklużi d-dettalji dwar l-għan tagħhom, id-data u l-metodu tal-applikazzjoni tagħhom, it-tip ta' prodott użat u l-perjodu ta' rtirar;

(f) il-miżuri għall-prevenzjoni tal-mard, inklużi d-dettalji dwar is-serħan, it-tindif u t-trattament tal-ilma.

Artikolu 79c

Żjarat speċifiċi tal-kontroll tal-molluski bivalvi

Għall-produzzjoni tal-molluski bivalvi, għandhom jitwettqu żjarat ta' spezzjoni qabel u waqt il-produzzjoni massima tal-bijomassa.

Artikolu 79d

Diversi unitajiet ta' produzzjoni mmexxija mill-istess operatur

Meta operatur ikun imexxi diversi unitajiet tal-produzzjoni kif ipprovdut fl-Artikolu 25c, l-unitajiet li jipproduċu annimali tal-akkwakultura li mhumiex organiċi wkoll għandhom ikunu suġġetti għas-sistema ta' kontroll kif stabbilita fil-Kapitolu 1 u f'dan il-Kapitolu."

(16) L-intestatura tal-Kapitolu 4 tat-Titolu IV għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Ir-rekwiżiti tal-kontroll tal-unitajiet li jħejju l-prodotti tal-pjanti, tal-alka, tal-bhejjem u tal-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tal-ikel magħmulin minnhom"

(17) L-intestatura tal-Kapitolu 5 tat-Titolu IV għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Ir-rekwiżiti tal-kontroll tal-importazzjonijiet tal-prodotti organiċi minn pajjiżi terzi"

(18) Fl-Artikolu 93(2) għandhom jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(e) l-għadd ta' unitajiet organiċi tal-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura,

(f) il-volum tal-produzzjoni organika tal-annimali tal-akkwakultura,

(g) jekk wieħed irid, l-għadd ta' unitajiet organiċi tal-alka u l-volum tal-produzzjoni organika tal-alka."

(19) Fl-Artikolu 95, il-paragrafu 6 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"6. Għall-għanijiet tal-Artikolu 12(1)(j) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u sakemm is-sustanzi speċifiċi jkunu inklużi skont l-Artikolu 16(1)(f) ta' dak ir-Regolament, jistgħu jintużaw biss prodotti awtorizzati mill-awtorità kompetenti."

(20) Fl-Artikolu 95 għandhom jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"11. Għal perjodu ta' żmien li jiskadi fl-1 ta' Lulju 2013, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza 'l dawk l-unitajiet tal-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura u tal-alka li, qabel ma jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, ikunu stabbiliti u jkunu jipproduċu skont regoli organiċi aċċettati b'mod nazzjonali, iżommu l-istat organiku tagħhom waqt li jkunu qed jadattaw ruħhom għar-regoli ta' dan ir-Regolament, dejjem jekk ma jkunx hemm tniġġis mhux dovut tal-ilmijiet b'sustanzi li mhumiex permessi fil-produzzjoni organika. L-operaturi li jibbenefikaw minn din il-miżura għandhom jgħarrfu lill-awtorità kompetenti bil-faċilitajiet, il-vaski tal-ħut, il-gaġeġ u l-lottijiet tal-alka kkonċernati."

(21) L-Annessi għandhom jiġu emendati skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika sa mill-1 ta' Lulju 2010, ħlief fil-każijiet li ġejjin:

(a) il-punt 4 tal-Artikolu 1 għandu jibda japplika minn meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament;

(b) il-miżuri korrettivi li dwarhom hemm dispożizzjoni fil-punt 19 tal-Artikolu 1 u fil-punt 1(b) u (c) tal-Anness għandhom jibdew japplikaw minn meta jibda japplika r-Regolament (KE) Nru 889/2008.

Dan ir-Regolament jista' jkun rivedut fuq il-bażi ta' proposti rilevanti mill-Istati Membri, li jkunu akkumpanjati minn motivazzjoni ġġustifikata kif dovut, bil-ħsieb li jkun immodifikat mill-1 ta' Lulju 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 889/2008 għandhom jiġu emendati kif ġej:

(1) L-Anness I għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) L-intestatura għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Il-fertilizzanti, il-kondizzjonaturi tal-ħamrija u n-nutrijenti msemmija fl-Artikolu 3(1) u fl-Artikolu 6d(2)"

(b) Il-linja tal-intestatura u l-ewwel linja tat-tabella għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"Awtorizzazzjoni	Isem Prodotti komposti jew prodotti li fihom biss il-materjali mniżżlin hawn taħt	Deskrizzjoni, rekwiżiti tal-kompożizzjoni, u kundizzjonijiet għall-użu
A	Demel mill-irziezet	Prodotti li jinkludu taħlita tal-ħmieġ tal-annimali u ta' materjal magħmul mill-ħaxix (il-friex tal-annimali) Hija pprojbita l-oriġini mill-agrikultura industrijali"

(ċ) Fil-ħdax-il linja tat-tabella, l-aħħar kaxxa għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Għall-fêr: konċentrazzjoni massima ta' materja niexfa tal-kromju (VI) f'mg. għal kull kg. ta' 0"

(2) L-Anness III għandu jiġi emendat kif ġej:

Fit-Taqsima 1, fis-sitt linja għall-majjali għat-tismin, għandha tiżdied ir-raba' sottolinja:

"Ta' iktar minn 110 kg.	1,5	1,2"

(3) L-Anness V għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) L-intestatura għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Materjali għall-għalf imsemmija fl-Artikolu 22(1), (2) u (3) u fl-Artikoli 25k(1)(d) u 25m(1)"

(b) fit-Taqsima 2.2, ir-raba' inċiż għandu jinbidel b'dan li ġej:

"— Idrolisati u proteolisati miksubin minn azzjoni tal-enżimi, kemm jekk ikunu f'forma solubbli u kemm jekk le, ipprovduti biss lill-annimali tal-akkwakultura u lill-bhejjem iż-żgħar."

(ċ) Fit-Taqsima 2.2, għandu jiżdied l-inċiż li ġej:

"— Ikla tal-krustaċej"

(4) L-Anness VI għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) L-intestatura għandha tinbidel b'dan li ġej:

"L-additivi tal-għalf u ċerti sustanzi użati fin-nutrizzjoni tal-annimali msemmija fl-Artikolu 22(4) u fl-Artikolu 25m(2)"

(b) It-tieni inċiż tat-Taqsima 1.1(a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"— Vitamini artifiċjali li jkunu l-istess bħall-vitamini naturali għall-annimali monogastriċi u għall-annimali tal-akkwakultura;"

(ċ) It-Taqsima 1.3 għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) il-punt (b) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(b) *Sustanzi antiossidanti*

E306 — Estratti ta' oriġini naturali li fihom ħafna tokoferol użati bħala antiossidanti,

— Sustanzi antiossidanti naturali (li l-użu tagħhom huwa ristrett għall-għalf għall-akkwakultura)."

(ii) wara l-punt (d) għandu jiddaħħal il-punt li ġej:

"(e) *emulsjonanti u stabbilizzaturi:*

Leċitina minn sorsi organiċi (li l-użu tagħha huwa ristrett għall-għalf għall-akkwakultura)"

(5) L-Anness VII għandu jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS VII

Prodotti għat-tindif u għad-diżinfezzjoni

1. Prodotti għat-tindif u għad-diżinfezzjoni tal-bini u tal-istallazzjonijiet tal-produzzjoni tal-bhejjem imsemmija fl-Artikolu 23(4):

— Il-potassju u s-sapun tas-sodju,

— L-ilma u l-fwar,

— Il-ħalib tal-ġir,

— Il-ġir,

— Il-ġir verġni,

— L-ipoklorit tas-sodju (per eż. il-bliċ likwidu),

— Is-soder,

— Il-potassju kawstiku,

— Il-perossidu tal-idroġenu,

— L-essenzi naturali tal-pjanti,

— L-aċidu ċitriku, peraċetiku, formiku, lattiku, ossaliku u aċetiku,

— L-alkoħol,

— L-aċidu nitriku (it-tagħmir tal-maħleb),

— L-aċidu fosforiku (it-tagħmir tal-maħleb),

— Il-formaldeide,

— Prodotti għat-tindif u għad-diżinfezzjoni tal-irjus tal-bżieżel u tal-faċilitajiet tal-ħlib,

— Il-karbonat tas-sodju.

2. Prodotti għat-tindif u għad-diżinfezzjoni tal-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura u tal-alka msemmija fl-Artikoli 6e(2), 25s(2) u 29a.

2.1. Sustanzi għat-tindif u għad-diżinfezzjoni tat-tagħmir u tal-faċilitajiet meta ma jkunx hemm annimali tal-akkwakultura:

— l-ożonu,

— il-klorur tas-sodju (il-melħ),

— l-ipoklorit tas-sodju,

— l-ipoklorit tal-kalċju,

— il-ġir (CaO, l-ossidu tal-kalċju),

— is-soder,

— l-alkoħol,

— il-perossidu tal-idroġenu,

— l-aċidi organiċi (l-aċidu aċetiku, l-aċidu lattiku u l-aċidu ċitriku),

— l-aċidu umiku,

— l-aċidi perossiaċetiċi,

— il-jodofori,

— il-kupru (is-sulfat tar-ram): sal-31 ta' Diċembru 2015 biss,

— il-permanganat tal-potassju,

— l-aċidi peraċetiċi u peroktanojċi,

— kejk taż-żerriegħa tat-te magħmul miż-żerriegħa naturali tal-kamelja (li l-użu tiegħu huwa ristrett għall-produzzjoni tal-gambli).

2.2. Lista llimitata ta' sustanzi li jistgħu jintużaw meta jkun hemm l-annimali tal-akkwakultura:

— il-ġir (il-karbonat tal-kalċju) għall-kontroll tal-aċidità (tal-*pH*),

— id-dolomit għall-korrezzjoni tal-aċidità (tal-*pH*) (li l-użu tiegħu huwa ristrett għall-produzzjoni tal-gambli)".

(6) It-tabella fit-Taqsima A tal-Anness VIII għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) Wara r-raba' linja, għandha tiddaħħal il-linja li ġejja:

"B	E 223	Il-metabisulfit tas-sodju		X	Il-krustaċej [2]"

(b) Wara l-erbatax-il linja, għandha tiddaħħal il-linja li ġejja:

"B	E 330	L-aċidu ċitriku		X	Il-krustaċej u l-molluski [2]"

(7) L-Anness XII għandu jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS XII

Mudell tal-evidenza dokumentarja lill-operatur skont l-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 imsemmi fl-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament

<table>
<tr><td colspan="2">Evidenza dokumentarja lill-operatur skont l-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007

1. In-numru tad-dokument:</td></tr>
<tr><td>2. L-isem u l-indirizz tal-operatur:
l-attività prinċipali (produttur, proċessur, importatur, eċċ.):</td><td>3. L-isem, l-indirizz u n-numru tal-kodiċi tal-korp jew tal-awtorità ta' kontroll:</td></tr>
<tr><td>4. Il-gruppi tal-prodotti/l-attività:
— Il-pjanti u l-prodotti tal-pjanti:
— L-alka u l-prodotti tal-alka:
— Il-bhejjem u l-prodotti tal-bhejjem:
— L-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tal-annimali tal-akkwakultura:
— Il-prodotti pproċessati:</td><td>5. Iddefiniti bħala:
produzzjoni organika, prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, kif ukoll produzzjoni mhix organika, li fiha jseħħu l-produzzjoni jew l-ipproċessar paralleli skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007</td></tr>
<tr><td>6. Il-perjodu ta' validità:
Għall-prodotti tal-pjanti minn ..... sa .....
Għall-prodotti tal-alka minn ..... sa .....
Għall-prodotti tal-bhejjem minn ..... sa .....
Għall-prodotti tal-annimali tal-akkwakultura minn ..... sa .....
Għall-prodotti pproċessati minn ..... sa .....</td><td>7. Id-data tal-kontroll/tal-kontrolli:</td></tr>
<tr><td colspan="2">8. Dan id-dokument inħareġ abbażi tal-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u tar-Regolament (KE) Nru 889/2008. L-operatur iddikjarat ressaq l-attivitajiet tiegħu għall-kontrolli u jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dawn ir-Regolamenti.

Id-data u l-post:

Firma f'isem il-korp jew l-awtorità ta' kontroll tal-ħruġ:"</td></tr>
</table>

(8) L-Anness XIIIa li ġej għandu jiddaħħal wara l-Anness XIII:

"ANNESS XIIIA

Taqsima 1

Il-produzzjoni organika tal-familja tas-salamun fl-ilma ħelu:

It-trota (*Salmo trutta*) – Ir-'rainbow trout' (*Oncorhynchus mykiss*) – L-'American brook trout' (*Salvelinus fontinalis*) – Is-salamun (*Salmo salar*) – Iċ-'charr' (*Salvelinus alpinus*) – Il-'grayling' (*Thymallus thymallus*) – L-'American lake trout' (jew il-'grey trout') (*Salvelinus namaycush*) – Il-'huchen' (*Hucho hucho*)

Is-sistema tal-produzzjoni	Is-sistemi tat-tismin fl-istabbilimenti jridu jingħalfu minn sistemi miftuħin. Ir-rata ta' ġiri tal-ilma trid tiżgura li jkun hemm mill-inqas 60 % tas-saturazzjoni tal-ossiġnu għall-istokk u trid tiżgura l-kumdità tagħhom u tiżgura t-tneħħija tal-ilma li jkun ħiereġ 'il barra mill-istabbiliment.
Id-densità massima tal-istokk	L-ispeċijiet tal-familja tas-salamun li mhumiex imniżżlin hawn taħt: 15-il kg. għal kull metru kubu Is-salamun: 20 kg. għal kull metru kubu It-trota u r-'rainbow trout': 25 kg. għal kull metru kubu L-"Arctic charr": 20 kg. għal kull metru kubu

Taqsima 2

Il-produzzjoni organika tal-familja tas-salamun fl-ilma baħar:

Is-salamun (*Salmo salar*), It-trota (*Salmo trutta*) – Ir-'rainbow trout' (*Oncorhynchus mykiss*)

Id-densità massima tal-istokk	10 kg. għal kull metru kubu fin-nases

Taqsima 3

Il-produzzjoni organika tal-merluzz (*Gadus morhua*) u ta' *Gadidae* oħrajn, tal-ispnott (*Dicentrarchus labrax*), tal-awrat (*Sparus aurata*), tal-gurbell (*Argyrosomus regius*), tal-barbun imperjali (*Psetta maxima* [= *Scopthalmus maximux*]), tal-pagru komuni (*Pagrus pagrus* [= *Sparus pagrus*]), tal-pixxitanbur aħmar (*Sciaenops ocellatus*) u ta' Sparidae oħrajn, u tal-i"spinefoot" (*Siganus spp*)

Is-sistema tal-produzzjoni	F'sistemi taż-żamma tal-ilma miftuħin fil-baħar (fin-nases/fil-gaġeġ) b'veloċità minima tal-kurrent tal-baħar biex ikun ipprovdut l-aħjar benesseri possibbli għall-ħut jew f'sistemi miftuħin fuq l-art.
Id-densità massima tal-istokk	Għall-ħut kollu ħlief għall-barbun imperjali: 15-il kg. għal kull metru kubu Għall-barbun imperjali: 25 kg. għal kull metru kwadru

Taqsima 4

Il-produzzjoni organika tal-ispnott, tal-awrat, tal-gurbell, tal-mulett (*Liza, Mugil*) u tas-sallur (*Anguilla spp*) f'vaski tal-art f'żoni tal-marea u fil-laguni ta' mal-kosta

Is-sistema taż-żamma	Għadajjar tradizzjonali tas-salini mibdula f'unitajiet tal-produzzjoni tal-akkwakultura u vaski tal-art simili f'żoni tal-marea
Is-sistema tal-produzzjoni	Għandu jkun hemm bdil adegwat tal-ilma biex ikun żgurat il-benesseri tal-ispeċijiet. Tal-anqas 50 % mid-digi jridu jkunu mgħottija bil-pjanti Huma meħtieġa vaski għat-tisfija tal-impuritajiet ibbażati f'art mistagħdra
Id-densità massima tal-istokk	4 kg. għal kull metru kubu

Taqsima 5

Il-produzzjoni organika tal-istorjun fl-ilma ħelu:

L-ispeċi kkonċernata: Il-familja tal-*Acipenser*

Is-sistema tal-produzzjoni	Ir-rata ta' ġiri tal-ilma f'kull unità tat-trobbija għandha tkun biżżejjed biex tiżgura l-benesseri tal-annimali L-ilma li jkun ħiereġ 'il barra minnhom għandu jkun tal-istess kwalità bħal dak li jkun dieħel fihom
Id-densità massima tal-istokk	30 kg. għal kull metru kubu

Taqsima 6

Il-produzzjoni organika tal-ħut fl-ilmijiet interni:

L-ispeċi kkonċernata: Il-familja tal-karpjun (tal-*Cyprinidae*) u speċijiet oħrajn relatati fil-kuntest tal-polikultura, inklużi l-'perch', il-lizz, il-'catfish', il-koregonidi ('coregonids') u l-istorjun.

Is-sistema tal-produzzjoni	F'vaski tal-ħut li għandhom jitbattlu kompletament mill-ilma kull tant żmien u fil-lagi. Il-lagi jridu jkunu ddedikati biss għall-produzzjoni organika, inkluż l-għelejjel li jitkabbru fiż-żoni nexfin. Iż-żona għall-qbid tal-ħut għandha tkun mgħammra b'kalanka ta' ilma nadif u għandha tkun ta' daqs li jipprovdi lill-ħut l-iktar kumdità possibbli. Il-ħut għandu jinħażen fl-ilma nadif wara li jinqabad. L-iffertilizzar organiku u minerali tal-vaski u tal-lagi għandu jsir skont l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 b'applikazzjoni massima ta' 20 kg. ta' nitroġenu għal kull ettaru. Mhumiex permessi t-trattamenti li fihom jintużaw sustanzi kimiċi sintetiċi sabiex jiġu kkontrollati l-idrofiti u l-kopertura tal-pjanti fl-ilmijiet tal-produzzjoni. Għandhom jinżammu ż-żoni tal-veġetazzjoni spontanja madwar l-unitajiet tal-ilmijiet interni bħala żoni ta' lqugħ għaż-żoni tal-art esterni li ma jkunux involuti fil-ħidma tat-tkabbir skont ir-regoli tal-akkwakultura organika. Għat-tkabbir għad-daqs tas-suq, għandha tintuża "l-polikultura" bil-kundizzjoni li l-kriterji stabbiliti f'dawn l-ispeċifikazzjonijiet għall-ispeċijiet l-oħrajn tal-ħut tal-lagi jinżammu kif dovut
Ir-rendiment tal-istabbiliment	Il-produzzjoni totali tal-ispeċijiet hija llimitata għal 1 500 kg. ta' ħut għal kull ettaru fis-sena.

Taqsima 7

Il-produzzjoni organika tal-gambli u tal-gambli tal-ilma ħelu (*Macrobrachium sp.*)

It-twaqqif tal-unità jew tal-unitajiet tal-produzzjoni	Dawn għandhom ikunu f'żoni tat-tafal moxa sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt ambjentali tal-bini tal-vaska. Il-vaski għandhom jinbnew bit-tafal naturali li jkun hemm diġà. Mhix permessa l-qerda tal-mangrovja.
Iż-żmien għall-bidla	Sitt xhur għal kull vaska, li jikkorrispondu mat-tul ta' ħajja normali ta' gamblu fl-istabbiliment.
L-oriġini tal-istokk għar-riproduzzjoni	Wara tliet snin ta' ħidma, tal-anqas nofs l-istokk għar-riproduzzjoni għandu jkun domestiku. In-nofs l-ieħor għandu jkun stokk għar-riproduzzjoni ħieles mill-patoġenu u li jkun ġej mis-sajd sostenibbli. Għandu jkun implimentat proċess ta' eżaminazzjoni obbligatorja fuq l-ewwel u t-tieni ġenerazzjoni qabel ma dawn jiddaħħlu fl-istabbiliment.
L-asportazzjoni taz-zokk jiċċaqlaq li fuqu jkollu l-għajn	Mhux permess.
Id-densitajiet massimi tal-istokk u l-limiti massimi tal-produzzjoni fl-istabbiliment	Iż-żrigħ: massimu ta' 22 larva li għadhom kemm għaddew mill-istadju tal-larvi imma li għad jonqoshom xi karatteristiċi, għal kull metru kwadru Il-bijomassa massima istantanja: 240 gramma għal kull metru kwadru

Taqsima 8

Il-molluski u l-ekinodermi

Is-sistemi tal-produzzjoni	Il-konzijiet, iċ-ċattri, it-tkabbir f'qiegħ il-baħar, ix-xbieki, il-gaġeġ, it-tilari, il-lampari, l-arbli 'bouchot' jew is-sistemi l-oħra taż-żamma. Għat-tkabbir tal-maskli fuq iċ-ċattri, l-għadd ta' ħbula għall-kultivazzjoni tal-maskli ma għandux jaqbeż il-wieħed għal kull metru kwadru ta' erja tal-wiċċ. It-tul massimu ta' kull ħabel għall-kultivazzjoni tal-maskli ma għandux jaqbeż l-20 metru. Ma għandux ikun hemm traqqiq tal-ħbula għall-kultivazzjoni tal-maskli waqt iċ-ċiklu tal-produzzjoni. Madanakollu, il-ħbula għall-kultivazzjoni tal-maskli jistgħu jiġu sottodiviżi, dejjem jekk ma tiżdiedx id-densità tal-istokk tal-bidu.

Taqsima 9

Ħut tal-ilma ħelu tropikali: Il-'milkfish' (*Chanos chanos*), it-tilapja (*Oreochromis sp.*), is-'siamese catfish' (*Pangasius sp.*)

Is-sistemi tal-produzzjoni	Il-vaski u n-nases
Id-densità massima tal-istokk	*Pangasius*: 10 kg. għal kull metru kubu *Oreochromis*: 20 kg. għal kull metru kubu

Taqsima 10

Speċijiet oħrajn tal-annimali tal-akkwakultura: l-ebda speċi oħra"